# SECONDARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2001

Educational Assessment Unit - Education Division

FORM 2 RELIGION Time: 1½hours

Name________________________________ Class__________________

## L-EWWEL SEZZJONI - Imla l-vojt b'dawn il-kliem t'hawn taħt:

lill-midinbin, igemgmu, laqgħa, tat-taxxi, Il-Fariżej, l-morda, mar, warajja, pubblikan, f'saħħithom

### *Is-Sejħa ta' Levi*

"Wara dan, ħareġ u lemaħ wieħed ______________, jismu Levi, bilqiegħda quddiem il-mejda ____________, u qallu: 'Ejja ____________. ' Dak telaq kollox, qam u ________ warajh. Mbagħad Levi għamillu _______________ kbira f'daru stess, u kien hemm magħhom fuq il-mejda kotra kbira ta' pubblikani u nies oħra. __________________ u l-Kittieba sħabhom bdew ________________ mad-dixxipli tiegħu, u qalulhom: 'Dan l-għala tieklu u tixorbu mal-pubblikani u l-midinbin? ' U Ġesù weġibhom: 'Mhux dawk li huma __________________ għandhom bżonn it-tabib, iżda __________________, jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda ______________ għall-indiema. '" (Luqa 5, 27-31)

(10 marki)

## IT-TIENI SEZZJONI - Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet:

1. Semmi żewġ firdiet l-aktar komuni fi żmien Ġesù.

______________________________________________

2. Ġesù fejn ried ikompli jwassal il-Kelma tiegħu?

______________________________________________

3. Min waqqaf il-Knisja f'Malta?

______________________________________________

4. Hemm għaqda fejn m'hemmx komunikazzjoni?

______________________________________________

5. X'għamel San Vinċenz de Paule għall-proxxmu tiegħu?

______________________________________________

6. Għal xiex baqgħet imsemmija Mother Tereża?

______________________________________________

7. Id-Dar tal-Providenza lil min tieħu ħsieb?

___

8. X'jissejjaħ l-aħħar Konċilju li sar mill-Knisja?

___

9. Min huma llum is-suċċessuri ta' l-Appostli?

___

10. X'martirju ħa San Stiefnu biex ma jiċħadx lil Ġesù?

___

(20 marka)

**IT-TIELET SEZZJONI** - **Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B**

| Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|
| 1. "Missier aħfrilhom | | Biex tixtered mad-dinja kollha u tgħaqqad il-bnedmin kollha |
| 2. Kien f'Antijokja fis-Sirja | | huwa San Franġisk Saverju |
| 3. Knisja Kattolika tfisser Knisja miftuħa | | li d-dixxipli ta' Ġesù bdew jissejjħu 'Kristjani' |
| 4. Bniedem li baqa' magħruf bħala wieħed mill-akbar missjunarji | | għax ma jafux x'inhuma jagħmlu" |
| 5. Dun Ġorġ Preca | | minn Alla u minn xulxin |
| 6. Fil-ġnien taż-Zebbuġ Ġesù talab: | | ħadem biex ikun hawn tagħlim tal-Katekiżmu fost il-kbar u t-tfal |
| 7. Id-dnub jifred il-bnedmin | | "Missier jekk inti trid, warrab minni dan il-kalċi" |
| 8. Qabel tela' s-sema | | fost dawn ħuti, għamiltuħ miegħi" |
| 9. Alla waħdu hu | | Ġesù bagħat lill-Appostli jgħallmu u jgħammdu l-ġnus kollha |
| 10. "Kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar | | s-Sid ta' kulħadd u ta' kollox |

(10 marki)

**IR-RABA' SEZZJONI** - **Aqra s-silta t'hawn taħt u wieġeb il-mistoqsijiet:**

**L-EWWEL INSARA**

"Il-kotra l-kbira ta' dawk li emmnu kienu qalb waħda u ruħ waħda. Ħadd minnhom ma kien jgħid li l-ġid li kellu kien tiegħu, iżda kellhom kollox flimkien.....Ħadd minnhom ma kien jonqsu xejn; għax kull min kellu oqsma jew djar kien ibigħhom, u l-flus li jdaħħal minnhom kien imur iqegħedhom f'riġlejn l-Appostli. Imbagħad kien jitqassam kollox skond il-ħtieġa ta' kull wieħed.

Hekk għamel il-levita Ġużeppi, minn Ċipru, li l-Appostli kienu jsejħulu Barnaba, jiġifieri bin il-faraġ; dan kellu għalqa, biegħha, u l-flus li daħħal minnha mar iqegħedhom f'riġlejn l-Appostli." (Atti 4, 32. 34-37)

1. X'ried ifisser San Luqa bil-kliem "kienu qalb waħda u ruħ waħda"?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(4 marki)

2. Għaliex ħadd minn dawn l-ewwel Insara ma kien jonqsu xejn?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(6 marki)

3. Dawn l-Insara f'hiex kienu qegħdin jimxu wara l-passi ta' Ġesù?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(4 marki)

4. Semmi tliet attivitajiet li bihom inti tkun qed tagħmel karità ma' l-oħrajn.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(6 marki)

(20 marka)

**IL-ĦAMES SEZZJONI** - **Għid xi jfissru dawn il-partijiet differenti tal-Quddiesa:**

1. L-Att Penitenzjali ________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(3 marki)

2. Is-Salm Responsorjali ______________________________________________

______________________________________________(2 marki)

3. It-Talba tal-Fidili ______________________________________________

______________________________________________(2 marki)

4. Il-Purċissjoni ta' l-Offerti ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________(5 marki)

5. Il-Missierna ______________________________________________

______________________________________________(2 marki)

6. Il-Paċi ______________________________________________

______________________________________________(2 marki)

7. It-Tqarbin ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________(4 marki)

(20 marka)

**IS-SITT SEZZJONI - Ikteb mhux inqas minn ħames sentenzi fuq kull wieħed minn dawn is-suġġetti:**

1. Għid għaliex it-talb huwa mportanti għalina l-Insara.
2. Ikteb il-parabbola tas-Sammaritan it-Tajjeb u għid x'tagħlima ried jagħtina biha Ġesù.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

(20 marka)